# IS-VI KTIEB

## Ta' tletin sena

1. Fejn kontli, fiduċja tiegħi sa minn żgħożiti, u fejn staħbejtli? Mhux int kont li ħlaqtni u għamiltni xort'oħra mill-bhejjem ta' erba' saqajn u egħref mit-tjur ta' l-ajru? Jien kont miexi fid-dlam u ż-żliq, infittxek barra minn nnifsi, u ma sibtx lil Alla ta' qalbi. Inżilt sa qiegħ il-baħar, b'qalbi maqtugħa, bla tama li se nsib il-verità. Ommi, qawwija fit-tjieba, qasmet art u baħar u ġiet warajja ssibni. Int serraħtilha rasha minn kull biża', hekk li fil-periklu tal-baħar kienet tfarraġ lill-istess baħrin li s-soltu jkunu huma li jfarrġu lill-vjaġġaturi jekk jitbeżżgħu għax ma jkunux imdorrija jbaħħru; u kienet twegħedhom li jaslu fil-port qawwijin u sħaħ kif kont wegħidtha inti f'dehra. Sabitni f'periklu kbir u bla tama li għad insib il-verità. Meta għarraftha li ma kontx għadni manikew iżda li anqas ma sirt nisrani kattoliku, ma qabżitx bil-ferħ qisha semgħet aħbar li ma stennithiex. Kienet qawwiet qalbha dwar l-istat imsejken tiegħi. Quddiemek kienet tibkini qisni mejjet f'dak l-istat, mejjet li għad jerġa' jqum u li hi kienet toffrihulek fit-tebut ta' ħsiebha biex inti tgħid lil bin l-armla, "Żagħżugħ, qiegħed ingħidlek, qum!", ħalli hu jerġa' jieħu l-ħajja, jibda jitkellem, u int

tagħtih lil ommu. Qalbha ma ħasset ebda tqanqil żejjed ta' ferħ meta għarfet li kien diġà sar ħafna minn dak li kuljum kienet traħħamlek biex isir, għax jekk kont għadni ma ksibtx il-verità, għallinqas ħlist mill-falsità. Anzi billi kienet ċerta li int għad tagħmel il-bqija għax wegħidtha kollox, bis-sliem u qalbha mimlija fiduċja weġbitni li, bis-saħħa tal-fidi tagħha fi Kristu, kienet għad tarani kattoliku fidil qabel ma twelli minn din id-dinja. Dan qalitu lili. Iżda lilek, għajn ta' kull ħniena, kattritlek it-talb u d-dmugħ tagħha biex teħles tagħtini l-għajnuna tiegħek u ddawwal id-dlam tiegħi. B'ħeġġa aqwa kienet tħaffef lejn il-knisja ħalli tisma' b'dehwa tal-għaġeb lil Ambroġ u tixrob l-ilma mill-għajn li twassal sal-ħajja ta' dejjem. Lil dak il-bniedem kienet tħobbu qisu anġlu t'Alla, għax saret taf li permezz tiegħu f'dik il-ħabta kont diġà bdejt għallinqas ngħum fil-mewġ ta' l-inċertezza, u emmnet ħafna li dan l-istat kien se jservini biex ngħaddi mill-mard għas-saħħa wara li negħleb periklu aqwa u nkun qisni ħlist minn deni li t-tobba jsejħulu kritiku.

2. Jum wieħed ommi marret iżżur l-oqbra tal-qaddisin u riedet tqiegħed fuqhom il-ftira u l-ħobż u l-inbid li ħadet magħha kif kienet tagħmel fl-Afrika. Il-għassies ma ħallihiex, u qalilha li l-isqof ma riedx li dan isir. Hija laqgħet dan l-ordni bil-qalb it-tajba u ubbidjenza kbira, hekk li jien bqajt mistagħġeb bil-ħeffa li biha warrbet id-drawwa tagħha bla ma qagħdet tistaqsi l-għala l-isqof ma riedx li dan isir. Ma kinitx mara li tħalli l-inbid itellfilha moħħa, anqas ma kellha mħabba għall-inbid li tqanqal fiha l-mibegħda għall-verità, u ma kinetx bħal ħafna rġiel

u nisa li, jekk xi ħadd iwissihom biex iżommu l-qjies, malajr jaqbdu jiddejqu kif jiddejjaq is-sakranazz quddiem tazza ilma. U fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-mejtin, meta kienet idduq l-ikel u tnewlu f'kannestru biex jitqassam, minħabba fl-oħrajn kienet iġġib tazza waħda żgħira bl-inbid imħallat b'ħafna ilma li bilkemm kien jibqagħlu togħma. U jekk dawn ir-riti ta' ġieh ikunu se jsiru fuq ħafna oqbra, kienet tieħu magħha l-istess tazza u tqegħidha fuq kull qabar. Minnha kienet tisqi belgħa lil ta' madwarha u l-ħin kollu żżid l-ilma sa ma jkun fadal ebda togħma ta' nbid. Dawn għaliha ma kinux żjajjar ta' gost imma ta' devozzjoni. Meta mbagħad saret taf li l-predikatur magħruf u prelat twajjeb ried li dawn ir-riti ma jibqgħux isiru, anqas jekk isiru b'mod xieraq, hija malajr waqfet minnhom, kemm biex ma tagħtix il-lala lis-sakrana ħa jixorbu iżjed, u kemm għax dik ix-xorta ta' parentali tixbah ħafna lit-twemmin fieragħ tal-pagani[1]. Hija tgħallmet tqiegħed fuq l-oqbra tal-martri mhux kannestru mimli frott ta' l-art, iżda qalb imfawra bi ħsibijiet aktar safja, ħalli b'hekk tgħin lill-foqra minn dak li kienet tista', u hemm flimkien magħhom tifraħ bit-tqarbin bil-ġisem tal-Mulej li l-martri offrewlu ħajjithom u saru jixbhuh fil-passjoni u l-glorja. Jien jidhirli, Mulej Alla tiegħi – u din hi l-fehma ta' qalbi quddiemek – li ommi aktarx ma kinetx se taqta' dik id-drawwa kif ġieb u laħaq kieku twaqqfet minn xi ħadd li ma kinetx tħobbu daqs Ambroġ. Lil dan kienet tħobbu l-iżjed għas-salvazzjoni tiegħi, u hu kien iħobbha għall-ħajja qaddisa tagħha. Fost ħafna egħmejjel tajba oħra hija kienet tmur il-knisja b'ħeġġa kbira tassew, hekk li l-isqof, kull meta jiltaqa' miegħi, kien sikwit jaqbad ifaħħarha u jifraħli li għandi omm bħalha; ma kienx jaf x'iben kellha, iben

jiddubita minn kollox u jaħseb li t-triq tal-ħajja ma tista' tinsab b'xejn.

3. Kont għadni ma bdejtx nitlob u nitniehed quddiemek biex tgħinni. Ħsiebi kien biss li nfittex, ma kellix sabar u ridt niddiskuti. L-istess Ambroġ kont inżommu bi bniedem hieni skond il-hena tad-dinja, għax imweġġah mis-setgħat il-kbar, u kont naħseb li ċ-ċelibat biss itaqqallu ħajtu. Iżda la stajt infisser u lanqas inġarrab it-tamiet tiegħu, it-taħbit li kien jitħabat fit-tiġrib tal-kobor tiegħu, il-faraġ li kien isib fil-għawġ, jew il-ferħ li kien iħoss hu u jomgħod il-ħobż tiegħek fil-ħalq moħbi ta' qalbu. U hu, min-naħa tiegħu, ma kellux ħjiel tal-baħar imqalleb li kont ngħum fih u l-ħofra li kienet miftuħa għalija. Ma stajtx nagħmillu l-mistoqsijiet li ridt u kif ridt. Il-qtajja' ta' nies imħabbtin li kien igħin fid-dgħufija tagħhom kienu jżommuni 'l bogħod minn widnejh u minn fommu. U meta jispiċċa minnhom, fil-ftit ħin li jifdallu kien imur igħajjex jew lil ġismu bl-ikel meħtieġ jew lil ruħu bil-qari. Hu u jaqra, għajnejh kienu jiġru fuq il-miktub u moħħu jfittex jifhem, waqt li leħnu u lsienu jistrieħu. Ħadd ma kien jinżamm lura u ma jitħalliex jidħol ħdejh, u ma kinux imdorrijin iħabbrulu li ġie xi ħadd. Sikwit konna nidħlu ħdejh u narawh jaqra b'għajnejh biss u qatt b'leħen għoli. Konna noqogħdu bilqiegħda fis-skiet, għax min kien se jissogra jfixkel bniedem hekk mitluf fil-qari? Imbagħad konna noħorġu, għax konna nistħajlu li ma riedx min jeħodlu rasu bi ħwejjeġ oħra fil-ftit ħin battal li seta' jsib għas-saħħa ta' moħħu, meħlus mill-ħsejjes u l-inkwiet ta' l-oħrajn. Għandu mnejn ma kienx jaqra b'leħen għoli biex ma jkollux ifisser ukoll it-tagħlim tqil ta' l-awtur lil min

ikun medhi jisimgħu, kif ukoll biex ma joqgħodx jitħaddet fuq kwistjonijiet tqal li biex iweġibhom ma kienx ikollu ħin jaqra l-kotba kollha li xtaq. Barra minn dan ried ukoll jibża' għal leħnu, għax malajr kien jinħanaq, u din setgħet kienet raġuni oħra biex jaqra sieket. Kienet x'kienet il-fehma tiegħu, kienet żgur fehma tajba f'raġel bħal dak.

Naf tajjeb li qatt ma sibt okkażjoni biex nagħmel il-mistoqsijiet li xtaqt lill-qalb ta' dak l-oraklu hekk qaddis tiegħek, ħlief biss meta seta' jismagħni fil-qosor. Imma f'dawk it-tempesti tiegħi xtaqt insibu battal mix-xogħol għal żmien twil biex inferragħ il-mewġ tiegħi fuqu, u jien qatt ma sibtu hekk. Kont immur kull nhar ta' Ħadd nisimgħu jxandar bir-reqqa l-kelma tal-verità lill-poplu tiegħek. Jien twettaqt dejjem iżjed fil-fehma li nistgħu nħollu l-għoqod kollha tat-tagħjir ħajjen li dawk il-qarrieqa tagħna xeħtu fuq il-kotba mqaddsa. Imbagħad sibt ukoll li wliedek spiritwali, li bil-grazzja tiegħek tajthom twelid ġdid mill-omm kattolika[2], meta jaqraw li int ħlaqt il-bniedem fuq xbieha tiegħek, ma jifhmux dan il-kliem bħallikieku jemmnuk u jaħsbuk magħluq f'sura ta' ġisem ta' bniedem. Jien ma kellix xaqq dawl misterjuż li jurini kif setgħet tingħata sustanza spiritwali, iżda kollni ferħan stħajt minni nnifsi li għal ħafna snin ħambaqt mhux kontra l-fidi kattolika, iżda kontra t-thewdin ta' moħħ il-bniedem. Kont ħażin u bla dehen, għax bl-akkużi tiegħi ħadtha kontra dak li bil-mistoqsijiet tiegħi kien imissni tgħallimtu. Int, l-aktar għoli iżda qribna, l-aktar moħbi iżda fostna tassew, ma għandekx membri li xi wħud huma akbar u oħrajn iżgħar, imma tinsab kollok kemm int kullimkien, mhux f'dan jew dak il-post. Int ma għandekx is-sura tal-ġisem tagħna, u b'danakollu ħlaqt il-bniedem fuq xbieha

tiegħek. U ara, il-bniedem jinsab f'post wieħed, minn rasu sa riġlejh.

4. Jien ma għaraftx kif il-bniedem hu xbieha tiegħek, iżda messni nħabbat u nfittex kif dan seta' jitwemmen, mhux neħodha kontra dan it-twemmin u nwaqqgħu għaċċajt bħallikieku kien twemmin fieragħ. Qalbi kienet tkiddni bix-xewqa li nsir naf x'għandi nżomm b'ċert, iżjed u iżjed għax stħajt minni nnifsi talli għal ħafna snin ħallejt lil min jidħak bija u jqarraqni bil-wegħda ta' ħwejjeġ ċerti, u, qisni tifel mixgħul fl-iżbalji tiegħu, paċpaċt fuq bosta ħwejjeġ inċerti bħallikieku kienu ċerti. Kellu jgħaddi żżmien sa ma ġieni d-dawl biex nara ċar kemm kienu foloz. Madankollu kont ċert li dawk il-ħwejjeġ ma kinux ċerti, u frattant fl-imgħoddi xorta waħda żammejthom b'ċerti meta fil-għama tiegħi akkużajt lill-Knisja kattolika u ħadtha kontra tagħha. Kont għadni ma għaraftx li hi għandha t-tagħlim tal-verità u mhux it-tagħlim l-ieħor li fuqu kont nagħmlilha akkużi ħorox. Minn hawn kien ġej it-taħwid tiegħi, u nbdilt u fraħt, Alla tiegħi, għax il-Knisja waħdanija, li hi l-ġisem tal-Waħdieni tiegħek u fiha tnaqqax isem Kristu fija meta kont tarbija, ma jogħġbuhiex il-ħmerijiet tat-tfal, u fit-tagħlim tajjeb tagħha ma tagħlaqx lilek, l-ħallieq ta' kollox, fi spazju li, għoli u wiesa' kemm hu, jingħalaq fis-sura tal-membri ta' ġisem ta' bniedem.

Fraħt ukoll għax il-kotba tal-liġi u l-profeti tat-Testment il-Qadim ma baqgħux jitqiegħdu quddiemi biex naqrahom u nħares lejhom kif ħarist fl-imgħoddi, meta kont inqishom bluhat u nċanfar lill-qaddisin tiegħek għax jemmnuhom, waqt li dawn mhux fi bluhat kienu jemmnu. U kont

noqgħod nisma' kollni ferħan lil Ambroġ li, fid-diskorsi tiegħu lill-poplu, sikwit kien jirrikmanda bħala regola l-kelmiet li kien itenni: L-ittra toqtol, imma l-Ispirtu jagħti l-ħajja. L-ittra fiha tagħlim li jidher żbaljat jekk wieħed jieqaf fuq il-kliem biss. Hu kien ineħħi l-velu mistiku li jgħattiha u jfisser is-sens spiritwali tagħha. Kliemu ma kienx idejjaqni, imma kont għadni ma nafx jekk kienx qiegħed igħid is-sewwa. Żammejt qalbi magħluqa ħafna għal kull ma kien igħid; bżajt li naqa' fi rdum u bqajt imdendel fix-xifer tiegħu, qagħda li fnietni iżjed. Il-ħwejjeġ li ma kontx nara ridt inkun ċert minnhom daqs kemm jien ċert li sebgħa u tlieta jagħmlu għaxra, verità li ma kontx hekk iblah biex ngħid li anqas din ma tista' tiftiehem. Iżda bħalma kont ċert minn din, hekk ukoll ridt inkun ċert mill-veritajiet l-oħra sew dwar l-iġsma li ma kellix taħt għajnejja u sew dwar is-sustanzi spiritwali li jien ma stajtx naħsibhom bla ġisem. Stajt fiqt kieku emmint, u hekk moħħi kien jissaffa u b'xi mod nifrex ħarsti fuq il-verità tiegħek li tibqa' għal dejjem u qatt ma hi nieqsa minn xejn. Iżda, kif dejjem jiġri, bħalma wieħed anqas tabib tajjeb ma jafda jekk ikun għadda minn idejn tabib ħażin, hekk ġrali jien fis-saħħa ta' ruħi. Ruħi ma setgħetx tfiq bla ma temmen, iżda ma riditx duwa, għax beżgħet li ssir temmen dak li ma kienx veru; żammitlek idek u ma riditx id-duwa tal-fidi li int hejjejt u dlikt biha d-dinja marida biex tfejjaqha bil-qawwa kbira li qegħidt fiha.

5. Imma minn dak iż-żmien bdejt inxaqleb iżjed lejn it-tagħlim kattoliku għax ħassejtu aktar meqjus u bla qerq, u ordnat għat-twemmin ta' veritajiet li hu ma jagħtix provi tagħhom, sew jekk nistgħu nagħtu provi tagħhom,

għallinqas xi wħud minnhom, u sew jekk le. Iżda l-Manikej bla ebda għaqal kienu jwiegħdu l-għerf u jiddieħku bil-fidi, biex imbagħad iġagħlu 'l min jemmen f'bosta ħrejjef tassew taċ-ċajt li huma qatt ma seħħilhom jippruvaw. Int, Mulej, bil-ħlewwa u t-tjieba tiegħek bla tarf, ħadt qalbi f'idejk u bil-mod il-mod qgħadt issawwarhieli. Jien ikkonsidrajt il-għadd bla qjies ta' ħwejjeġ li emminthom bla ma rajthom u li ma kontx neżisti huma u jsiru, bħalma hi l-kotra ta' ġrajjiet fl-istorja tal-popli, il-ħafna aħbarijiet dwar imkejjen u bliet li qatt ma rajt, dwar ħbieb u tobba u nies oħrajn, u ħafna aħbarijiet oħra li jekk ma nemmnu-homx ma nagħmlu xejn f'din il-ħajja. Rajt fl-aħħarnett kemm kont nemmen b'fidi sħiħa min kienu l-ġenituri li nissluni, ħaġa li ma kontx inkun nafha kieku ma emmintx lil min qalli. Int b'hekk għamiltni nifhem li l-ħatja mhumiex dawk li jemmnu l-kotba tiegħek li int sejjist b'qawwa kbira fi kważi l-ġnus kollha; il-ħatja huma dawk li ma jemmnuhomx. U għalhekk ma għandniex nagħtu widen għal min forsi jistaqsina, "Kif taf li dawk il-kotba nkitbu għall-ġens tal-bnedmin bl-ispirtu ta' Alla, wieħed u veru u li jgħid is-sewwa kollu?" Hu sewwa sew dan li għandna nemmnu mill-iżjed, għax ħadd mill-filosofi, bis-saħħa tagħhom kollha tmegħir u kalunnji fid-diskussjonijiet ta' bejniethom, kif qrajt f'bosta kotba, ħadd minnhom ma kien jista' jġagħalni noħnoq fija mqar għal waqt wieħed it-twemmin li inti int dak li int, għad li jien ma kontx naf xint, jew niċħad li t-tmexxija ta' ġrajjiet il-bnedmin hija ħaġa tiegħek.

Jien dan emmintu; għad li l-fidi tiegħi kienet daqqa qawwija u oħra dgħajfa, jiena dejjem emmint li inti teżisti u tieħu ħsiebna, ukoll jekk ma għaraftx kif għandna nifhmu

s-sustanza tiegħek jew liema hi t-triq li għandna naqbdu biex naslu għandek jew nerġgħu lura lejk. U ladarba aħna dgħajfin biex insibu l-verità bis-saħħa tar-raġuni weħidha u minħabba f'hekk naħtieġu l-awtorità tal-Kotba Mqaddsa, jien kont diġà bdejt nemmen li int b'ebda mod ma kont se tagħti awtorità hekk kbira fid-dinja kollha lil dik l-Iskrittura jekk mhux għax ridtna nemmnu fik permezz tagħha u nfittxuk bis-saħħa tagħha. Wara li smajt ħafna tifsir probabbli ta' xi testi minnha, dak li kont inqisu taċ-ċajt u jdejjaqni fil-qari tagħha bdejt issa nħares lejh fid-dawl għoli ta' dak li hemm mistur fiha. Deherli li għall-awtorità tagħha jistħoqqilha ġieh u fidi qaddisa, iżjed u iżjed għax hija miftuħa għal kull min irid jaqraha u f'ħin wieħed tħares il-għoli tal-misteri tagħha għall-imħuħ iżjed qawwija. Bi kliem l-iżjed ċar u taħdit tassew umli, hija tingħata lil kulħadd u tħaddem id-dehen ta' min mhux moħħu ħafif. Hija tiftaħ ħdanha biex tilqa' lil kulħadd, u twassal mill-bieb id-dejjaq sa għandek ftit bnedmin, li filgħadd kienu jkunu iżjed kieku l-awtorità tagħha ma kinetx hekk għolja u qdusitha ma kinetx hekk umli li tiġbor lillkotra kollha fi ħdanha. Jien u naħseb f'dan int kont tinsab ħdejja tismagħni nitniehed, kont nixxejjer u inti tmexxini, kont għaddej fit-triq il-wiesgħa tad-dinja u ma ħallejtnix waħdi.

6. Kont miklub għall-unuri, għall-qligħ, għaż-żwieġ, u int kont tidħak bija. Minħabba f'dawn ix-xewqat kont inbati dwejjaq liema bħalhom. Iżda l-għajnuna tiegħek kienet daqshekk kbira daqskemm kont tħallini nħoss inqas ħelu dak kollu li mhuwiex int. Ara qalbi, Mulej, int li ridtni niftakar f'dan u nistqarrhulek. Miegħek issa ngħaqdet

ruħi, li int naddaft mill-ħmieġ tal-mewt li kien imwaħħal magħha. Kemm kienet imsejkna! Int kont tniggiżha fil-ġerħa li kellha tuġagħha, sabiex tħalli kollox u terġa' lura għandek għall-fejqan tagħha. Kemm kont imsejken, mela, u int kemm għamilt miegħi biex inħoss il-miżerja tiegħi! Jum wieħed kont qiegħed inhejji diskors ta' tifħir lill-imperatur[3]. Fih daħħalt ħafna kliem b'ieħor li bih il-giddieb seta' jintgħoġob minn dawk li kienu jafu. B'qalbi tilheġ fit-taħbit tagħha u taħraq bid-deni ta' ħsibijiet li jifnuha, kont għaddej minn triq f'Milan u rajt tallab fqir jiċċajta ferħan: naħseb li kien fis-sakra. Ħarġitli tnehida, u lill-ħbieb li kelli miegħi għidtilhom li l-bluhat tagħna jġagħluna nbatu ħafna; semmejtilhom kemm nagħmlu sforzi bħal dawk li kont qed nagħmel jien f'dawk il-ġranet biex taħt in-niggieża tat-tleblib tiegħi nġorr it-toqol tad-dwejjaq tiegħi u nżidu jien u miexi; għidtilhom li b'dawk l-isforzi kollha ma rridux ħaġ'oħra għajr li naslu fi stat ta' ferħ żgur, l-istat fejn dak it-tallab kien diġà wasal qabilna u li aħna forsi qatt ma konna se naslu fih. Dak li hu kien diġà kiseb bil-ftit flus li jaqla' bit-talb, jiġifieri, il-ferħ u l-hena li jgħaddu, jien kont qiegħed infittxu bit-tbatija iebsa tat-tweghir u d-dawrien tiegħi. Dak it-tallab ma sabx il-hena li hu hena, iżda jien bl-ambizzjoni tiegħi kont qiegħed infittex hena iżjed falz. U b'danakollu dak kien ferħan u jiena nilheġ, hu kien moħħu mistrieħ u jien qalbi ttaqtaq. Kieku xi ħadd kellu jistaqsini x'nagħżel bejn ferħ u biża', kont inwieġeb li nagħżel il-ferħ; u jekk jerġa' jistaqsini nagħżilx li nkun jew bħal dak it-tallab jew bħalma kont jien f'dak il-ħin, kont nagħżel li nibqa' dak li jien, minkejja l-biża' u l-ħsibijiet li kienu jagħsruni. Imma tassew? X'ħażen kbir kont fih! Ma kienx imissni ngħid li jien

aħjar minnu għax iżjed għaref, għax il-għerf tiegħi ma għamilnix ferħan, iżda bih kont ninqeda biex nogħġob lill-bnedmin, mhux biex ngħallimhom, iżda biss biex nagħtihom gost. U minħabba f'hekk int kont tkissirli għadmi bil-għasluġ tat-tagħlim tiegħek.

Mela ħa jitbiegħdu minn ruħi dawk li jgħidulha, "Jenħtieġ tkun taf il-ferħ mnejn hu ġej. Dak it-tallab kien ferħan għax fis-sakra, u int ridt tifraħ bil-glorja". B'liema glorja, Mulej? B'dik li ma tinsabx fik. Għax bħalma l-hena ta' dak it-tallab ma kienx hena tassew, hekk anqas il-glorja li ridt jien ma kienet tassew, anzi iżjed qallbitli moħħi. Barra minn dan, wara lejl irqad dak it-tallab kienet tgħaddilu s-sakra, waqt li jien kont irqadt u qomt fis-sakra u kont se nibqa' norqod u nqum fis-sakra min jaf għal kemm żmien! Naf, iva, li jenħtieġ inkunu nafu mnejn hu ġej il-ferħ tal-bniedem, għax il-ferħ tat-tama tal-bniedem twajjeb hu mbiegħed wisq mill-hena fieragħ ta' dak it-tallab. Iżda f'dak iż-żmien kien hemm iżjed xi jżommna mbegħdin minn xulxin lilna t-tnejn, jiġifieri, hu kien iżjed hieni mhux biss għax kien igħum fil-ferħ waqt li jien kont tbiċċirt bit-tħassib, iżda wkoll għax dak xtara l-inbid bix-xewqa li jkunlu ta' ġid, waqt li jien ridt nintefaħ bil-gideb tiegħi. Bosta drabi tkellimt fuq dan mal-ħbieb egħżież tiegħi; sikwit kont nara jiena stess xi nħoss f'ċirkustanzi bħal dawn u nsib li nkun inħossni batut. Dan kien idejjaqni, u l-istess dwejjaq kienu jkattruli t-tbatija. U jekk nara r-riżq jitbissimli, kont insewwed qalbi jekk nipprova naqbdu, għax kien qisu jtir qabel ma nilħaq naqbdu f'idi.

7. Jien u l-ħbieb li kont nagħmilha magħhom konna nitkellmu bejnietna fuq dan u nitniehdu flimkien. Iżda

kont nitħaddet wisq iżjed bil-qalb ma' Alipju[4] u Nebridju. Alipju kien twieled f'Tagaste bħali, minn ġenituri għolja f'dik il-belt, u kien iżgħar minni. Kien student tiegħi meta bdejt ngħallem f'belt twelidi u mbagħad f'Kartaġni wkoll. Sar iħobbni ħafna għax minn għalih kont raġel tajjeb u għaref, u jien min-naħa tiegħi kont inħobbu għax kien ta' karattru qawwi u mxejjer għall-virtù kif kien jidher ċar biżżejjed sa minn żgħożitu. Iżda nħataf mill-belliegħa tad-drawwiet kartaġiniżi li jagħmlu wisq għall-frugħa tal-logħob fiċ-ċirku u ġġennen għalih. Waqt li kien jitqalleb f'dak l-istat imsejken, billi kien inqala' daqsxejn ta' tilwim bejni u bejn missieru kien għadu ma bdiex jiġi jismagħni fl-iskola publika fejn kont ngħallem ir-rettorika. Jien sirt naf bil-ġibda qerrieda li kellu għaċ-ċirku, u dan nikkitni ħafna għax deherli li kien se jtelliflu t-tama sabiħa li kellu jekk ma kienx diġà qeridhielu. Jien xtaqt inwissih u nġagħlu jerġa' lura, iżda ma kelli ebda mezz għal dan, la l-imħabba tal-ħbieb u lanqas il-jedd li kelli bħala surmast. Kont naħseb li kellu għalija bħal missieru, iżda xejn minn dan, għax tefa' wara dahru r-rieda ta' missieru u beda jsellimli u jidħol fil-klassi biex jismagħni għal ftit ħin u jerġa' joħroġ.

Lili iżda tarli minn moħħi l-ħsieb li nagħmel xi ħaġa biex ma nħallix il-ġibda għamja u nferfxa għall-frugħa tal-logħob teqridlu l-qawwa ta' moħħ hekk tajjeb. Imma int, Mulej, li żżomm f'idejk it-tmun tal-ħlejjaq kollha tiegħek, ma nsejtx lil dak li 'l quddiem kien se jsir il-qassis il-kbir tas-sagrament tiegħek fost uliedek. U biex it-tiswija ta' triqatu nkunu nafuha lilek quddiem kulħadd, int sewwejthomlu permezz tiegħi bla ma kont naf. Għax jum wieħed, waqt li bħas-soltu kont bilqiegħda f'posti

bl-istudenti quddiemi, huwa daħal, sellimli, u mar bilqiegħda kollu attent għal dak li konna qegħdin nagħmlu. Ħabat li f'idejja kelli lezzjoni, u jiena u nfissirha deherli li nagħmel sewwa jekk inqabbilha mal-logħob taċ-ċirku, ħalli dak li ridt indaħħlilhom f'moħhom ikun jogħġobhom aktar u jarawh iżjed ċar. Fl-istess ħin bdejt inwaqqa' għaċ-ċajt u noqros lil dawk li kienu tjassru f'dak il-ġenn. Inti taf, Alla tagħna, li f'dak il-ħin ma kelli ebda ħsieb infejjaq lil Alipju mill-mard tiegħu, imma hu ħatafli kliemi u ħaseb li kont qed ngħidu għalih biss. Li kien ieħor, kien joqmos għal kliemi u jagħdab għalija, imma dak iż-żagħżugħ ħorr kliemi laqgħu biex jagħdab għalih innifsu u jsir iħobbni b'ħeġġa akbar ta' mħabba. Inti darba għidt u niżżilt fl-Iskrittura tiegħek, "Widdeb lill-għaref, u jħobbok". Jien ma widdibtux; iżda int, li tinqeda b'kulħadd, għorrief u mhumiex, skond il-pjan magħruf minnek, pjan ġust, għamiltli qalbi u lsieni ġamar tan-nar biex tikwi u tfejjaq lil dik ir-ruħ mimlija b'tamiet sbieħ li kienet qiegħda tinħela. Ħa jsikket ilsienu u ma jfaħħrekx min ma jqisx il-ħniniet tiegħek: jien iżda nroddlok ħajr għalihom mill-ġewwieni tiegħi. Dak iż-żagħżugħ sema' kliemi u ħareġ jiġri mill-bir fond fejn kien qed jegħreq minn rajh u jitlef id-dawl ta' għajnejh b'gost tal-għaġeb. Huwa heżżeż ruħu, rażżanha bil-qawwa, u tnaddfet mill-ħmieġ kollu tal-logħob taċ-ċirku fejn ma meddx riġlejh iżjed. Imbagħad rattab l-ebusija ta' ras missieru u għażilni b'surmast tiegħu, u missieru ħallieh u tah li ried. Reġa' beda jiġi jismagħni, u flimkien miegħi tbexxel fit-twemmin fieragħ għax għoġbu r-rażan li l-Manikej kienu juru; minn għalih kien rażan tassew u sinċier. Iżda ma kienx ħlief rażan bla sens u qarrieqi, għax bih kienu jaqbdu l-erwieħ egħżież li jkunu

għadhom ma għarfux jaslu fil-quċċata tal-virtù u malajr jitqarrqu mill-qoxra ta' barra ta' virtù li mhijiex ħlief dell u taparsi.

8. Bla xejn ma ħalla mit-triq tad-dinja li l-ġenituri kienu saħħruh għaliha, huwa mar f'Ruma qabli biex jitgħallem id-dritt. B'mod li ma jitwemminx, hemmhekk inħataf minn ġibda liema bħalha għal-logħob tal-gladjaturi, li fl-imgħoddi kien jitwarrab minnu u jobogħdu. Darba fit-triq iltaqa' ma' xi wħud minn ħbiebu u sħabu ta' l-iskola li nzertaw ġejjin lura minn pranzu, u dawn, min-kejja li waqfilhom u żammilhom sod, qabduh kif jagħmlu l-ħbieb bejniethom u ħaduh magħhom fl-anfiteatru, fejn f'dawk il-jiem kien qiegħed isir logħob aħrax u tal-mewt. Hu qalilhom, "Tistgħu tkaxkru kemm tridu lil ġismi sa dak il-post u tqegħduh hemm; imma se jseħħilkom iġġagħlu lill-ispirtu tiegħi u 'l għajnejja jħarsu lejn dawk l-ispettakli? Inkun hemm qisni miniex, u b'hekk negħleb lilkom u lilhom". Dawk qagħdu jisimgħuh iżda ma naqsux li jeħduh magħhom, forsi għax riedu jaraw kellux ħila jagħmel kif qal. Meta waslu u sabu post fejn setgħu, minn kullimkien kienet tinħass fewġa taħraq ta' xewqat tal-biża'. Iż-żagħżugħ tebaq xfar għajnejh u ma ħalliex lilu nnifsu jaqa' f'dak il-ħażen. Mhux li sadd widnejh ukoll! Għax f'daqqa waħda waqt il-ġlied, il-poplu kollu semma' għajta tal-għaġeb li ħasditu minn egħruqu. Il-kurżità għelbitu; ħass ruħu bħallikieku lest biex imaqdar u jirbaħ ukoll dak li jara, kien x'kien, fetaħ għajnejh, u saritlu ġerħa f'ruħu agħar minn dik li saret fil-ġisem tal-ġellied li xtaq jara; il-waqgħa tiegħu kienet ta' min jitħassarha aktar minn ta' dak li xħin waqa' nstemgħet dik il-għajta

kollha. Minn widnejh dik il-għajta daħlitlu 'l ġewwa minn għajnejh miftuħa beraħ, u darbet u waqqgħet lil dik ir-ruħ li kien għad għandha aktar almu milli qawwa, u kienet aktar dgħajfa għax straħet aktar fuqha nfisha milli fuqek kif messha għamlet. Hekk kif lemaħ dak id-demm, moħħu f'daqqa waħda xorob il-ħruxija u ma qalax ħarstu minn fuqha, imma żamm għajnejh imwaħħlin fuq dik id-dehra u, bla ma ntebah, baqa' jsoff il-qilla, kollu ferħan b'dik il-ġlieda ħatja u sakran bix-xewqa tad-demm. Ma baqax l-istess żagħżugħ li kien daħal hemm ġew, imma sar wieħed mill-kotra li tħallat magħha u ssieħeb tassew ma' dawk li kienu ħaduh magħhom. X'iżjed? Baqa' jħares u jgħajjat, moħħu saħan, u minn hemm ġew ħa miegħu l-ġenn li bih tlebleb biex jerġa' jmur, mhux biss ma' dawk stess li ħaduh magħhom għall-ewwel darba, iżda b'ġenn akbar minn tagħhom jieħu oħrajn ukoll miegħu. Imma int, b'id qawwija u ħanina mill-iżjed, ħlistu minn dan u għallimtu jittama mhux fih innifsu iżda fik. Kellhom igħaddu bosta snin sa ma jasal f'dan!

9. It-tifkira ta' dak il-logħob baqgħetlu f'moħħu, imma saritlu duwa għall-ġejjieni tiegħu. Kien hemm ħaġ'oħra wkoll: għax darba, meta kien għadu student tiegħi f'Kartaġni, għall-ħabta ta' nofs in-nhar kien jinsab fil-pjazza, jaħseb fuq dak li kien se jtenni fil-klassi skond id-drawwa tat-taħriġ taż-żgħażagħ fl-iskola. Hu u jaħseb, int ħallejt lill-għassiesa tal-pjazza jaqbduh u jixluh b'serq. Alla tiegħi, ma nafx il-għala int ħallejt dan isir ħlief biss biex dak iż-żagħżugħ, li 'l quddiem kien se jsir hekk kbir, jibda minn dak il-ħin stess jitgħallem li min jiftaħ kawża kontra bniedem ieħor ma għandux ikun ħafif biex jemmen

kif ġie ġie dak li jisma' fuqu u jikkundannah. Alipju kien miexi waħdu quddiem it-tribunal, bit-twavel tal-kitba u l-pinna f'idejh, meta żagħżugħ ta' l-iskola, li kien il-ħalliel tassew, b'mannara moħbija fuqu resaq quddiem il-kanċell taċ-ċomb li jagħti għat-triq tal-ħaddiema tal-fidda, u qabad ikisser iċ-ċomb. Alipju ma semgħux. Il-ħaddiema minn isfel semgħu d-daqqiet tal-mannnara u b'leħen baxx bdew jistaqsu 'l xulxin x'ġara, u bagħtu 'l xi wħud biex jaqbdu 'l min isibu fil-post. Il-ħalliel semagħhom; telaq il-biċċa għodda minn idu u ħarab, kollu beżgħan li jżommuh jekk jarawlu l-mannara f'idu. Alipju ma kienx rah dieħel, iżda ntebah bih waqt li kien ħiereġ u rah jitlaq jiġri. Billi xtaq isir jaf x'kien ġara, daħal u sab il-mannara. Kien qiegħed hemm wieqaf, jaħseb kollu mistagħġeb, xħin dawk li ntbagħtu ġew u sabuh waħdu jżomm f'idejh il-mannara li l-ħoss tagħha kien ġiebhom hemm. U waqt li bdew jiftaħru għax qabdu lil min kien il-ħalliel bid-dieher, meddew idejhom fuqu quddiem il-ġirien kollha tal-pjazza u kaxkruh magħhom ħalli jagħtuh f'idejn l-imħallef.

Dan kien l-egħluq tat-tagħlima li ħa. Għax int, Mulej, minnufih qbiżt għal min ma kienx ħati għax ma kellux xhieda oħra ħliefek. Huma u sejrin bih biex jeħduh fil-ħabs jew għall-kastig, iltaqa' magħhom wieħed perit li kien jieħu ħsieb il-bini publiku. Dawk ferħu li ltaqgħu sewwa sew ma' min kien iwaħħal fihom kull darba li jsir serq fil-pjazza, għax qalu li saflaħħar kien se jsir jaf min kien il-ħalliel. Il-perit kien sikwit jara lil Alipju fid-dar ta' wieħed senatur li hu kien imdorri jgħaddi għandu biex isellimlu. Minnufih għarfu, qabdu minn idu u ħarġu minn qalb in-nies, u staqsieh x'kienet il-ħtija ta' dak il-għawġ kollu. Meta sema' x'ġara, dar fuq dawk kollha li kienu

qegħdin jagħmlu ħafna għagħa bil-għadab u t-theddid tagħhom, u ġagħalhom imorru miegħu. Waslu fid-dar taż-żagħżugħ li kien ħati tas-serqa u sabu lsir quddiem il-bieb. Kien għadu hekk ċkejken fil-għomor li xejn ma waqagħlu f'rasu mill-ħsara li kien se jagħmel lil sidu. U qalilhom kollox, għax kien mar ma' sidu fil-pjazza. Alipju wkoll għarfu u wrieh lill-perit. Dan ressaq il-mannara quddiem it-tifel u staqsieh ta' min kienet. "Tagħna", wieġbu minnufih. B'hekk l-akkuża daret għal fuq dik id-dar, fost ir-regħxa ta' min kien diġà beda jifraħ bir-rebħa fuq Alipju. Dan, li 'l quddiem kien għad irid iqassam il-kelma tiegħek u jmexxi l-kawżi ta' ħafna fil-Knisja tiegħek[5], telaq minn hemm aktar għaref b'dik l-esperjenza.

10. Jien iltqajt miegħu f'Ruma, u ntrabat miegħi b'rabta qawwija tassew. Imbagħad ġie miegħi f'Milan ukoll, sew biex ma jinfiridx minni u sew biex jitħarreġ fid-dritt li kien tgħallem aktar għax xtaquh missieru u ommu milli għax xtaq hu stess. Diġà għal tliet darbiet kien qeda d-dmir ta' assessur legali u għaġġeb lil kulħadd bir-reqqa tiegħu. Hu kien jistagħġeb iżjed b'dawk li għalihom id-deheb aħjar minn ħajja bla ħtija. Mhux biss is-seħer tal-qligħ, imma n-niggieża tal-mewt ukoll ġie li ġarrbitu fil-karattru tiegħu, kif ġralu f'Ruma, meta kien assessur tal-konti li kien imexxi l-finanzi ta' l-Italja. F'dik il-ħabta kien hemm senatur ta' setgħa kbira; ħafna kienu mjassrin miegħu minħabba l-ġid li kien jagħmlilhom, u kienu joqogħdu għalih bil-biża'. Skond id-drawwa tan-nies fis-setgħa bħalu, fettillu jagħmel xi ħaġa, ma nafx xinhi, li skond il-liġi ma setgħetx issir. Alipju waqaflu; saritlu wegħda ta' flus li ġagħlitu jidħak bil-qalb; heddewh, u

xeħet it-theddid kollu taħt riġlejh. Kulħadd stagħġeb b'almu bħal dan mhux tas-soltu, għax Alipju la fittex jitħabbeb mas-senatur u lanqas beża' li jġagħlu jsir għadu tiegħu. Xejn ma qies li dak kien bniedem kbir u magħruf minn kulħadd għall-bosta mezzi li kien jinqeda bihom biex jagħmel il-ġid jew id-deni. L-istess imħallef, li kien il-kunsilier tas-senatur, ma riedx jaqdih, iżda anqas ried iżomm kontra tiegħu quddiem kulħadd; għalhekk farfar minn fuq spallejh u qal li Alipju ma kienx iħallih, għax jekk hu jiftaħ idejh, Alipju ma kienx ikun jaqbel miegħu, u hekk kien jiġri tassew. Ħaġa waħda biss kienet għoddha qarrqet bih: l-imħabba għal-letteratura. Għax darba għamel il-ħsieb li jinqeda bil-flus tal-gvern ħalli jikkopja xi kotba; iżda ġieb il-ġustizzja quddiem għajnejh u biddel il-ħsieb għall-aħjar. Il-ħaqq li jipprojbilu jagħmel dan rah jiswa iżjed mis-setgħa li tippermettihulu. Kien se jagħmel ħaġa żgħira; iżda min hu fidil f'ħaġa żgħira, hu fidil ukoll f'ħaġa kbira, u qatt ma jkunu għalxejn il-kelmiet li ħarġu minn fomm il-verità tiegħek meta għidt, "Jekk ma wrejtux ruħkom fidili fil-qligħ diżonest, min se jafdalkom il-ġid veru? U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom dak li hu tagħkom?" Dan kien il-bniedem li ntrabat miegħi f'dak iż-żmien, u bħali kien bejn ħaltejn dwar il-mod ta' ħajja li kellna ngħixu fih.

Nebridju wkoll kien ħareġ minn belt twelidu qrib Kartaġni, u mbagħad telaq minn Kartaġni wkoll, fejn sikwit kien jiltaqa' magħna. Ħalla wrajh l-egħlieqi kbar ta' missieru, u nfired mid-dar u minn ommu li ma riditx tmur miegħu. Ġie f'Milan bla ebda ħsieb ieħor ħlief li jkun qribi u b'ħeġġa qawwija nfittxu flimkien il-verità u l-

għerf. Kellu ħerqa kbira biex isib il-hena tal-ħajja u kien jifli b'reqqa tal-għaġeb il-kwistjonijiet l-aktar tqal. Bħali kien jitniehed u bħali jixxejjer 'l hawn u 'l hinn. Konna tlitt iħluq bil-ġuħ, il-bżonn ta' kull wieħed minna kien iħallina bla nifs aħna u nistennew lilek tagħtina l-ikel f'waqtu. Kull darba li fil-ħniena tiegħek kont iddewwaqna l-imrar wara l-ħidmiet tagħna tad-dinja, jekk infittxu l-għala ta' dik it-tbatija kollha konna nħabbtu wiċċna mad-dlamijiet, nerġgħu lura, u fost it-tnehid nistaqsu, "Kemm se ndumu hekk?". Din il-mistoqsija konna ntennuha bosta drabi, u frattant bqajna ngħixu kif konna, għax kien għadu ma ġiniex id-dawl ta' xi ħaġa ċerta li stajna nqabbdu magħha u nbiddlu ħajjitna.

11. Kont nistagħġeb l-iżjed bija nnifsi, għax kont ninkedd u nġib quddiem għajnejja kemm żmien għadda minn meta, ta' dsatax-il sena, bdejt infittex b'ħerqa kbira l-għerf, bil-ħsieb li, meta nsibu, inħalli kull tama fiergħa ta' xewqat bla temma u gideb bla sens. U ara, għalaqt it-tletin u kont għadni fl-istess ħama, ma nafx x'naqbad nagħmel, xewqan li nistgħall kull hena ħarban li kont qed ninħela fih. U kont ngħid, "Il-verità nsibha għada, nibda naraha ċara, inżommha sewwa. Fawstu jiġi jfissirli kollox. O Akkademiċi, nies kbar! Qatt mhu se jseħħilna naraw xi ħaġa ċerta li tista' tmexxina f'ħajjitna! Imma ejjew infittxu aħjar u ma naqtgħux qalbna. Ara, dak li fil-Kotba Mqaddsa konna nqisuh taċ-ċajt ma għadux aktar taċ-ċajt, nistgħu nifhmuh b'mod ieħor xieraq. Inserraħ riġlejja fuq l-ewwel tarġa fejn il-ġenituri tiegħi qegħduni meta kont għadni ċkejken, u nibqa' hemm sa ma nsib il-verità ċara. Iżda fejn infittxuha? Meta se nfittxuha?Ambroġ ma jsibx ħin,

u anqas aħna ma nsibu ħin biex naqraw. U mbagħad fejn se nsibu l-kotba li naħtieġu? Minn fejn nixtruhom? Meta? Minn għand min se niksbuhom? Inqassmu l-ħin aħjar u nħallu ftit sigħat għas-salvazzjoni ta' ruħna. Tama kbira tnisslet fina: il-fidi kattolika ma tgħallimx dak li ħsibnieha tgħallem, akkużajnieha għal xejn. Il-għorrief tagħha jżommu li t-twemmin f'Alla magħluq f'sura ta' ġisem ta' bniedem huwa dnub. Se nibqgħu lura u ma nħabbtux biex naraw il-veritajiet l-oħra? Is-sigħat ta' filgħodu nħalluhom għaż-żgħażagħ fl-iskola: imma fis-sigħat l-oħra x'qegħdin nagħmlu? Għax ma nagħmlux dan? Iżda mbagħad x'ħin jibqgħalna biex immorru nsellmu lill-ħbieb akbar minna li naħtieġu l-għajnuna tagħhom? Xħin inhejju t-tagħlim li l-istudenti jħallsu għalih? X'ħin ikollna biex nehdew u nistrieħu mit-taħbit u l-ħsibijiet tagħna?

"Ħa nħallu kollox għaddej u ma nħabblux rasna b'dawn il-frugħat bla siwi! Nagħtu ruħna għat-tfittxija tal-verità biss. Il-ħajja hi msejkna, il-mewt ma nafux xħin tiġi. Jekk tasal għalarrieda, kif noħorġu minn did-dinja? Fejn immorru niksbu t-tagħlim li ma konniex tajna kasu hawnhekk? Ma neħdux il-kastig li jkun ħaqqna għal dan in-nuqqas ta' ħsieb? U jekk l-istess mewt tqaċċat u ttemm kull tħabrik u sentiment? Din hi mistoqsija oħra, u jenħtieġ inweġbuha. Iżda le, dan ma jistax ikun! Mhix ħaġa ta' xejn u bla siwi li l-awtorità tal-fidi nisranija mill-quċċata għolja tagħha tixtered fuq id-dinja kollha. Alla ma kienx se jagħmel daqshekk egħġubijiet kbar għalina kieku mal-mewt tal-ġisem tintemm ukoll il-ħajja tar-ruħ. Mela għaliex dil-lajma kollha biex inneħħu minna t-tama tad-dinja u nagħtu ruħna kollna kemm aħna biex infittxu 'l Alla u l-ħajja hienja? Imma stenna: id-dinja wkoll għandha l-ferħat

tagħha, il-ħlewwiet li tnissel mhumiex ċkejkna, u jenħtieġ li ma nitilfuhomx minn quddiem għajnejna għax ma nagħmlux sewwa jekk nerġgħu lura għalihom. Ara, diġà għandna biżżejjed biex niksbu post ta' ġieh. X'nistgħu nixtiequ iżjed fiċ-ċirkustanzi tagħna? Għandna ħafna ħbieb kbar fis-setgħa: jekk maħniex għaġġelin iżżejjed għal postijiet aqwa, nistgħu għallinqas nilħqu presidenti[6]. Imbagħad niżżewġu ma' mara li mhijiex idha f'idha biex ma tgħabbiniex bi spejjeż iżjed, u dan ikun kull ma nixtiequ. Kien hemm ħafna rġiel kbar, ħaqqhom tassew ikunu l-mera tagħna, li kienu mogħtija għall-għerf allavolja miżżewġin."

Kont intenni dan kollu fost il-ħafna rwiefen li mewġa wara l-oħra kienu jitfgħuli 'l qalbi issa 'l hawn u issa 'l hemm. Iż-żmien baqa' għaddej u ddawwart ma rġajt lura għand il-Mulej. Kont inħalli minn jum għall-ieħor biex nibda ngħix fik, iżda ma waqaftx li mmut kuljum fija nnifsi. Fl-imħabba tiegħi għall-ħajja hienja bżajt infittixha fejn tinsab, u kont infittixha waqt li naħrab minnha. Stħajjilt li nkun wisq imsejken jekk niċċaħħad mit-tħaddin ta' mara; ma ħsibtx fid-duwa li l-ħniena tiegħek tagħtina biex infiqu minn din il-marda, għax kienet duwa li ma qdejt biha qatt qabel. Ħsibt li stajt inżomm ruħi fil-qjies bil-ħila tiegħi waħdi, bla ma kont naf x'ħila kelli. Fil-bluha tiegħi ma għaraftx li ħadd ma jista' jżomm ruħu fil-qjies jekk mhux b'don tiegħek, kif hemm miktub. Dan kien don li int kont tagħtihuli kieku ġejt inħabbat il-bieb ta' widnejk bit-tnehid ta' qalbi, kieku ħallejt it-taħbit tiegħi f'idejk b'fiduċja sħiħa.

12. Bil-għaqal kollu Alipju ma ridnix niżżewweġ. Kien itennili li, jekk niżżewweġ, b'ebda mod ma konna nkunu

nistgħu ngħixu tassew bi kwietna flimkien fit-tfittix tal-għerf, kif konna ilna ħafna nixtiequ. F'dik il-ħabta hu kien igħix ħajja safja mill-iżjed, hekk li kien igħaġġibni, għax fi dħul żgħożitu kien diġà kellu x'jaqsam ma' mara. Iżda mbagħad ma ssoktax f'dik il-ħajja, anzi sogħob bih ħafna u maqdar egħmilu, u minn dak iż-żmien beda jgħix ħajja tassew meqjusa. Jien kont inwieġbu bl-eżempju ta' dawk il-ħafna miżżewġin li fittxew il-għerf, qalgħuh minn għand Alla, u żammewh bil-fedeltà waqt li baqgħu jgħożżu lil ħbiebhom. Ngħid għalija ma kellix il-kobor ta' qalb li kellhom huma. Kont imxekkel bil-mard tal-ġisem u nkaxkar il-katina tiegħi b'għaxqa li ġġib il-mewt, kollni beżgħan li l-katina tinħall. Warrabt minni l-id ta' min ried iħollni minnha bit-twissijiet tiegħu għall-ġid tiegħi, għax stħajjilthom tbagħbis fil-ġerħa tiegħi. Barra minn dan, is-serp permezz tiegħi kien qiegħed iħajjar u jonsob lill-istess Alipju u jinqeda bi lsieni biex jifrixlu xbieki ħelwin fi triqtu ħa jfixkillu riġlejh ħorra u ħfief.

Billi kien jistmani mhux ftit, kien jistagħġeb bija xħin jara li l-ħama ta'dawk il-ġibdiet kien tant weħel miegħi li, fit-taħdit tagħna fuq dan is-suġġett, kont inżomm bis-sħiħ li wieħed b'ebda mod ma seta' jgħix għażeb. Jien, meta narah hekk mistagħġeb, kont niddefendi ruħi u ngħidlu li hemm qabża kbira bejnietna, għax hu bil-ħatfa u s-serqa kien ġarrab egħmil li bilkemm kien għadu jiftakar fih, u għalhekk seta' jmaqdru bla tbatija ta' xejn, waqt li jien kont drajt fil-għaxqiet tiegħi; kien jonqosni biss nagħtihom l-isem imweġġaħ taż-żwieġ, u mbagħad ma kienx ikollu iżjed biex jistagħġeb bija jekk ma stajtx nitwarrab minn dik il-ħajja. Tant kont ngħidlu li saflaħħar hu wkoll beda jitħajjar għaż-żwieġ, mhux għax il-ġibda tal-pjaċir għelbitu,

iżda aktar għall-kurżità. Kien igħidli li ħajti togħġbu, imma xtaq ukoll isir jaf x'kien dak li ħajti mingħajru kont inħoss li ma hi ħajja xejn, anzi kienet turment għalija. Kien jistagħġeb kif ruħi kienet ilsira ta' dik ir-rabta li hu kien ħieles minnha, u l-istess stagħġib tiegħu kien ikebbes fih ix-xewqa li jġarrabha. Li kieku wasal biex iġarrabha, għandu mnejn hu wkoll kien jaqa' fl-istess jasar li kien jistagħġeb bih, għax ried jidħol f'patt mal-mewt, u min iħobb it-tiġrib jintilef fih. Sew jien u sew hu, ftit li xejn konna nżommu fil-għoli l-ġieh taż-żwieġ bħala dmir li tmexxi l-ħajja miżżewġa u trabbi l-ulied: jien, għax kważi l-ħin kollu kont inbati l-jasar qalil tax-xewqat tal-ġisem li qatt ma jixxebbgħu; hu, għax l-istagħġib tiegħu kien qiegħed ikaxkru fl-istess jasar. U hekk bqajna f'dan il-ħal sa ma int, il-Għoli, int li ma tlaqtx waħdu l-ħama tagħna, ħennejt għalina l-imsejkna u tajtna l-għajnuna tiegħek b'ħafna modi moħbija u tal-għaġeb.

13. Frattant kienu jiġru wrajja bla mistrieħ ta' xejn biex niżżewweġ. Tlabt waħda tfajla b'għarusa u wegħdu-hieli, l-aktar bit-tħabrik ta' ommi; dehrilha li, jekk niż-żewweġ, il-magħmudija tas-saħħa tnaddafni. Kien il-hena tagħha tarani mhejji għaliha dejjem iżjed, u kienet tistenna li bil-fidi tiegħi t-tama tagħha u l-wegħdiet tiegħek iseħħu. Kif tlabtha jien u kif xtaqet hija stess, bl-agħjat qawwi ta' qalbha kienet kuljum titolbok biex turiha f'dehra xi ħaġa dwar iż-żwieġ li ridt nidħol għalih, imma int qatt ma ridt tismagħha. Ġie li l-fantasija tagħha kienet tnebbahha b'xi ħaġa, għax f'tabxiet bħal dawn ir-ruħ tal-bniedem tħoss xi jġagħalha tobsor. Hi kienet turini xi

jkun għaddielha minn moħħha, imma kienet tgħidhuli bi tmaqdir, mhux b'dik il-fiduċja li s-soltu kien ikollha fit-tnebbih tiegħek. Kienet tgħidli li kellha sens, ma nafx x'sens kien u anqas hi ma kienet issib kliem biex tfissru, sens li bih kienet tagħraf il-qabża li hemm bejn ir-rivelazzjonijiet tiegħek u l-ħolm ta' moħħha. Intant baqgħu jsusu u ressquli t-talba għat-tfajla. Kien għad jonqosha madwar sentejn għall-għomor taż-żwieġ[7], u għalhekk bqajna nistennew għax it-tfajla ntgħoġbot.

14. Konna ħafna ħbieb nitħaddtu bejnietna b'ruħna mħawda. Ma konniex naħmlu d-dwejjaq u t-taħbit tal-ħajja tal-bniedem, u għalhekk konna qisna diġà qtajnieha li mmorru ngħixu xi mkien fil-kwiet 'il bogħod mill-kotra. Din il-ħajja fassalnieha b'mod li niġbru flimkien il-ġid kollu li kull wieħed minna seta' kellu u nagħmlu minnu ġid wieħed li jkun ta' kulħadd. Ngħixu flimkien bi ħbiberija sinċiera u ma jkollniex dan ta' wieħed u dak ta' l-ieħor, iżda niġbru l-ġid kollu f'wieħed biex kollox ikun ta' kull wieħed u kollox ta' kulħadd. Dehrilna li b'hekk stajna ningħaqdu bejnietna xi għaxra min-nies, xi wħud minna għonja tassew, l-iżjed Romanjanu. Dan kien żagħżugħ minn belt twelidna, ħabib kbir tiegħi sa minn meta konna għadna tfal, li l-ħsibijiet tqal ta' dmirijietu kienu sejħulu fil-qorti ta' l-imperatur. Kien hu l-iżjed wieħed li saħaq biex inwettqu l-pjan tagħna, u l-kelma tiegħu kellha setgħa kbira fuqna billi kellu ġid wisq aktar minna lkoll. Ftehimna biex kull sentejn jinħatru tnejn fostna ħalli jaħdmu bħala maġistrati u jaqilgħu għall-meħtieġ kollu, waqt li l-oħrajn jibqgħu fil-kwiet. Iżda mbagħad bdejna nġibu quddiem għajnejna jekk in-

nisa li xi wħud minna diġà kellhom magħhom, kif ukoll in-nisa li aħna wkoll ridna magħna, kinux se jħalluna ngħixu ħajja bħal din. U hekk il-pjan li fassalna bil-għaqal inħall f'idejna, tħassar u rmejnieh. U rġajna għal li konna, nolfqu u nitniehdu, u nterrqu fil-mogħdijiet wiesgħa tal-kotra tad-dinja; għax moħħna kien mimli bil-ħsibijiet, imma l-fehma tiegħek tibqa' għal dejjem. B'din il-fehma tiegħek int kont tidħak bil-fehmiet tagħna u thejji l-pjan biex 'il quddiem tagħtina l-ikel f'waqtu, tiftaħ idejk u xxabbagħna bil-ġid.

15. Dnubieti baqgħu joktru. Il-mara li kont nimtedd magħha ttieħdet minn miegħi għax kienet xkiel għaż-żwieġ tiegħi, u dan qasamli qalbi li kienet marbuta magħha, fetaħli ġerħa fiha u d-demm beda jnixxi minnha. Hi ħalliet miegħi l-iben naturali li nissilt minnha, reġgħet lura fl-Afrika u wegħditek li ma tħarisx lejn raġel ieħor. Jiena l-imsejken ma għamiltx bħal dik il-mara u ma kellix sabar nistenna s-sentejn igħaddu biex niżżewweġ lil dik li tlabt, mhux għax ħabbejt iż-żwieġ, imma għax kont ilsir taż-żina tiegħi. Għalhekk ġibt oħra miegħi, mhux biex tkun marti, iżda bħala sieħba li tweżinni u żżommli lil ruħi marida kif kienet jew tmarradhieli iżjed fid-drawwa ħażina li kont se nibqa' fiha sa ma ż-żwieġ jibda jsaltan fuqha. Il-ġerħa li l-firda mis-sieħba ta' qabel fetħitli ma għalqetx; wara l-ħruq u l-uġigħ kbir tagħha ddenniet, ibbieset qisha biċċa silġ, u baqgħet tuġagħni bla tama ta' fejqan.

16. It-tifħir u l-glorja lilek, għajn ta' kull ħniena! Aktar ma kont insir imsejken, aktar kont toqrob lejja. Bla ma

kont naf, il-leminija tiegħek kienet sewwa sew fuqi biex taħtafni mit-tajn u tnaddafni. Xejn ma kien iżommni li nogħdos iżjed 'l isfel fil-qiegħ tal-għargħar tal-ġibdiet tal-ġisem ħlief il-biża' tal-mewt u l-ħaqq ġejjieni tiegħek, għax il-ħsieb tagħhom qatt ma għeb minn qalbi, kienet x'kienet il-fehma tiegħi fuqhom. Jien u ħbiebi Alipju u Nebridju konna nitħaddtu flimkien fuq l-iskopijiet ta' dak kollu li hu tajjeb jew ħażin. It-tagħlim ta' Epikuru[8] kien żgur jirbaħni kieku ma kontx nemmen li r-ruħ wara l-mewt tibqa' ħajja u tieħu magħha l-merti tagħha, u Epikuru ma riedx jemmen dan. Kont nistaqsi l-għala ma ngħixux henjin jew x'nistennew iżjed ladarba ma mmutu qatt, ladarba ġisimna għad jitgħaxxaq għal dejjem bla biża' li jitlef il-għaxqa tiegħu. Ma għaraftx li dan l-istess ħsieb hu frott tal-miżerja kbira tagħna, għax kont għereqt u għamejt u ma stajtx naħseb fid-dawl tal-virtù u l-ġmiel li jenħtieġ inħaddnuh għall-imħabba tiegħu nnifsu waħdu, ġmiel li ma nistgħux narawh bil-għajnejn tal-ġisem, iżda narawh fil-qiegħ ta' ruħna. Ta' msejken li kont, xejn ma ħsibt fil-għajn li minnha kienet tfawwar il-ħlewwa li kont inħoss waqt li nitkellem ma' ħbiebi fuq ħwejjeġ fihom infushom moqżieża. Ma stajtx inkun hieni mingħajr ħbiebi, anqas fis-sens li kont nagħti lill-ħbiberija f'dak iż-żmien fost kotra bla qjies ta' ġibdiet tal-ġisem. Lil dawk il-ħbieb mhux għall-qligħ ħabbejthom, u jidhirli li anqas huma ma ħabbewni għall-qligħ. Kemm kienu mwiegħra triqatna! Ħażin għaliha r-ruħ li tiżżattat u tittama li se ssib xi ħaġa aħjar jekk titbiegħed minnek! Hija ddur u titqalleb fuq daharha, fuq ġenbejha, fuq żaqqha, u ma ssibx ħlief ebusija, għax int waħdek il-mistrieħ tagħha. U ara, inti qiegħed

hawn, teħlisna mill-iżbalji koroh tagħna, iddaħħalna fit-triq tiegħek, tfarraġna u tgħidilna, "Ħaffu, jiena nweżinkom u nwassalkom fit-tmiem fejn nibqa' nweżinkom".

---

[1]Il-"parentalia" kienu ċelebrazzjonijiet u funerali li bihom il-pagani kienu jagħtu ġieh lil qrabathom mejtin billi fuq l-oqbra tagħhom iqiegħdu ward, ikel u xorb, u offerti oħra; xi wħud mill-insara fl-ewwel żminijiet tal-Knisja wara l-konverżjoni tagħhom baqgħu jħarsu dawn id-drawwiet pagani.

[2]Il-Knisja kattolika.

[3]Valentinjanu II.

[4]Alipju twieled f'Tagaste; kien student ta' S. Wistin, l-ewwel f'Tagaste u mbagħad f'Kartaġni, u bħalu ngħaqad mal-Manikej; għamel kors tal-liġi f'Ruma u laħaq imħallef; fuq l-eżempju ta' S. Wistin ħaddan il-fidi kattolika u tgħammdu flimkien f'Milan.

[5]L-isqfijiet f'dak iż-żmien kienu mhux biss ixandru l-kelma t'Alla u jamministraw is-sagramenti, iżda wkoll jagħmluha ta' mħallfin fost il-fidili, u s-sentenza tagħhom kienet tiswa quddiem il-liġi ċivili.

[6]Presidenti fis-sens ġenerali, forsi presidenti fil-qrati, mhux fis-sens ta' gvernaturi provinċjali.

[7]Aktarx li f'dak iż-żmien ix-xebbiet kien irid ikollhom tnax-il sena biex jistgħu jiżżewġu.

[8]Epikuru (341–270 q.K.) kien filosofu Grieg; kien igħallem li l-pjaċir u l-heda tal-moħħ huma l-aqwa ġid tal-bniedem.